MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## SILVIO CAMILLERI

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2012

Numru 113/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**v.**

**Nicholas Galea**
**omissis**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Karmenu Galea bin Nicola u Maria nee` Borg, imwieled fit-18 ta' Mejju 1938 u residenti fil-fond numru 49/50, Triq Vajringa, Rabat, Ghawdex, u detentur tal-karta ta' l-identita` numru 385338(M) u Nicholas Galea, bin Carmel u Mary nee` Mizzi, imwieled fis-6 ta' Settembru 1965 u residenti fil-fond numru 8, Triq il-Wied, Marsalforn, Ghawdex u detentur tal-karta ta' l-identita` numru 31065(G) li gew akkuzat talli f'xi gurnata bejn it-2 u d-19

ta’ Dicembru 2011 fl-inhawi ta’ Triq Vajringa, Rabat, Ghawdex:

Minghajr il-hsieb li jisirqu jew li jaghmlu hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercitaw jedd li jippretendu li ghandhom fixklu lil Emanuel u Carmela Galea fil-pussess ta’ hwejjighom jew b’xi mod iehor kontra l-ligi ndahlu fi hwejjeg ta’ l-istess Emanuel u Carmela Galea.

**2.** Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-28 ta’ Frar 2012 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imputat Nicholas Galea hati u kkundannatu multa ta’ mija u hamsin Ewro (€150). Fir-rigward ta’ l-imputat Karmenu Galea, il-Qorti illiberatu mill-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, fuq nuqqas ta’ provi.

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Nicholas Galea minnu prezentat fis-6 ta’ Marzu 2012, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.

**4.** Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**5.** Semghet il-provi u lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**6.** Il-fatti tal-kawza jistghu jigu riassunti kif gej:

Emanuel u Carmela konjugi Galea joqghodu fil-fond 51, Triq Vajringa, Rabat Ghawdex liema fond ghandu kantina li fiha tieqa li taghti ghall-bitha tal-fond adjacenti 49/50, Triq Vajringa, Rabat, proprjeta’ ta’ Carmelo u Maria konjugi Galea. Mit-tieqa kien jidhol id-dawl u l-arja. Xi gimghatejn qabel id-19 ta’ Dicembru 2011, u cioe ghall-habta tat-2 ta’ Dicembru, Galea ghalqu t-tieqa msemmija billi mbarrawha bil-knaten tal-gebel u kahhluha. Meta Emanuel u Carmela konjugi Galea ntebhu li t-tieqa kienet giet mbarrata huma rrapportaw lill-Pulizija u sostnew li min imbarra t-tieq bilfors li kien dahal fil-fond taghhom u sostnew li hadd ma kellu interess jimbarra t-tieqa hlief Carmelo u Maria konjugi Galea.

Ikkunsidrat:

**7.** L-aggravju tal-appellant jikkonsisti sostanzjalment filli jirritjeni li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi u sostna li huwa agixxa fuq l-inkarigu ta' missieru Karmenu li kellu l-kunsens ta' huh Emanuel li fil-fatt kien obbligat li jaghlaqha snin qabel kif kien intrabat li jaghmel b'kuntratt ta' divizjoni.

**8.** Kif tajjeb irrileva l-appellant fir-rikors tieghu tal-appell huwa ormai ben recepit fil-gurisprudenza tal-qrati taghna li l-elementi tar-reat hekk msejjah ta' *raggion fattasi* jikkonsistu fi (1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-oppozizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor; (2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt; (3) il-koxxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel *di privato braccio* dak li jmissu jsir per mezz ta' l-awtorita' pubblika u (4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi.

**9.** Mill-provi jirrizulta li Emanuel u Carmela Galea joqghodu fil-fond 51, Triq Vajringa, Victoria. Fil-kantina tal-fond taghhom kien hemm tieqa li taghti ghal fuq il-bitha tal-fond ta' magembhom u cioe' tal-fond 49/50, Triq Vajringa. Ghall-habta tat-2 ta' Dicembru 2011 huma ntebhu li din it-tieqa kienet giet imbarrata bil-gebel u simentjata. Huma ghalhekk ghamlu kwerela lill-pulizija li fiha indikaw li kienu jissospettaw b'dan l-ghemil lill-propjetarji tal-fond 49/50 Triq Vajringa, Carmelo u Marija Galea jew minn xi hadd inkarigat minnhom, specjalment binhom l-imputat Nicholas.

**10.** Carmela Galea xehdet li hi ma kienetx taf li t-tieqa kellha tinghalaq ghaliex zewgha qatt ma qallha xejn fuq hekk u li kieku qabel ghalaqgha min kien qallha li t-tieqa kellha tinghalaq hija kienet taghti l-kunsens taghha biex tinghalaq. Izda min ghalaqha lilha ma qallha xejn qabel ghalaqha. Xehdet ukoll li ma kienetx taf bil-kuntratt ta' divizjoni bejn zewgha u hutu.

**11.** Xehed ukoll Carmelo Galea, hu Emanuel Galea u missier l-appellant Nicholas Galea. Huwa spjega li skont

kuntratt ta' divizjoni bejn l-ahwa Galea kollha kien miftiehem li Emanuel Galea kellu jaghlaq it-tieqa li mill-kantina tal-fond tieghu taghti ghall-bitha tal-fond ta' Carmelo Galea.

**12.** Il-kuntratt in kwistjoni huwa dak tal-20 ta' Novembru 1973 fl-atti tan-Nutar Dottor Paul Pullicino li f'wahda mill-klawzoli tieghu jipprovdi li Emanuel Galea "jobbliga ruhu li jaghlaq it-tieqa li hemm fil-kantina u li tghati ghal fond vicin numru 49 u 50 ta' l-istess trieq u li jaghlaq kwalunkwe bieb jew apertura ohra li hemm bejn iz-zewg fondi" (fol. 30).

**13.** Carmelo Galea kompla jixhed li huwa kien ilu jghid lil Emanuel Galea sabiex jaghlaq it-tieqa in kwistjoni u dan dejjem kien iwieghdu li ser jaghlaqha izda qatt ma wasal biex jaghmel dan. Sa fl-ahhar Emanuel Galea qallu li huwa (Carmelo) kellu ibnu jahdem fil-gebel u bajjad dilettant u ghalhekk Carmelo Galea kellu jghid lil ibnu biex jaghlaq hu t-tieqa. Eventwalment hekk ghamel u meta sab li ibnu kellu ftit tal-hin liberu qallu biex jaghlaq it-tieqa.

**14.** Dan hu l-istat tal-provi. Skont Carmelo Galea huwa kellu l-awtorizzazzjoni ta' Emanuel Galea sabiex jaghlaq it-tieqa permezz ta' l-imputat appellant. Din il-prova ma hix kontradetta ghaliex Emanuel Galea ma giex prodott biex jixhed u kull ma tghid martu Carmela hu li zewgha ma qallha xejn fuq daqshekk. Jidher li kien hemm suspetti li t-tieqa in kwistjoni inaghlqet minn naha tal-fond ta' Emanuel Galea izda dan ma jirrizultax pruvat. Anzi Carmelo Galea xehed li t-tieqa inghalqet minn naha tal-fond tieghu. Peress li din il-Qorti ma ssibx ragunijiet sufficjenti sabiex tiskarta din ix-xiehda ta' Carmelo Galea din il-Qorti ghalhekk tqis li gie ppruvat fil-grad li trid il-ligi li kien hemm il-kunsens ta' Emanuel Galea ghall-eghluq tat-tieqa in kwistjoni. Ghalhekk, fil-konfront ta' Emanuel Galea jonqos l-ewwel element tar-reat u cioe' jonqos "l-oppozizzjoni, espressa jew presunta" tal-pussessur tal-haga.

**15.** In kwantu fil-konfront ta' Carmela Galea, stabbilit li jirrizulta li Carmelo Galea kellu l-kunsens ta' Emanuel Galea sabiex jaghlaq it-tieqa, jigi nieqes, jekk mhux addirittura l-ewwel element, tal-anqas it-tielet element u

cioe "il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel *di privato braccio* dak li jmissu jsir per mezz ta' l-awtorita' pubblika". Dan ghaliex meta Carmelo Galea nqeda b'l-imputat appellant ibnu sabiex jaghlaq it-tieqa in kwistjoni huwa ma kellux raguni jahseb li in vista tal-kunsens ta' Emanuel Galea kien hemm xi htiega li huwa jirrikorri ghand l-awtorita' pubblika sabiex ikun jista' jaghlaq it-tieqa in kwistjoni, aktar u aktar tenut kont ta' dak previst fil-kuntratt ta' divizjoni fuq imsemmi.

**16.** Ghall-motivi premessi din il-Qorti tilqa' l-appell tal-imputat appellant Nicholas Galea u, filwaqt li tiddikjarah mhux hati, thassar is-sentenza appellata fejn sabitu hati u kkundannatu ghal multa ta' € 150 u minflok tillibera lill-istess appellant minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------